**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 9 ta' Novembru 2015**

**Rikors Nru: 114/09 MLF**

**Paul Cutajar**

**Vs**

**Kunsill Lokali Birgu**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Paul Cutajar li talab li l-Kunsill Lokali Birgu jigi kkundannat ihallas is-somma ta' ghaxart elef, wiehed u sebghin Euro (€10,071) jew somma ohra verjuri, dovuti in kwantu ghal xoghol ta' gbir ta' skart fil-lokalita tal-Birgu, kif indikat fl-invoices immarkati Dok A, riferibbli ghal perjodu ta' bejn Gunju 2008 u Ottubru 2008.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 214/09 u l-ittri legali datati 2 ta' Mejju 2008, 6 ta' Mejju 2008, 2 ta' Lulju 2008, u 18 ta' Novembru 2008, u l-imghax legali mid-data tal-invoices relattivi.

Rat ir-risposta ta' John Boxall u Christine Bonello bhala Sindku u Segretarja Ezekuttiva rispettivament tal-Kunsill Lokali Birgu, fejn eccepew:

1. Illi l-Kunsill Lokali tal-Birgu ghandu jhallas biss lill-attur is-somma ta' erbat elef, hames mija u hmistax Ewro u hmistax-il centezmu (€4515.15), liema somma ma gietx accettata mill-attur;

2. Illi t-talbiet tal-attur fil-konfront tal-bilanc tas-sorte pretiz minnu, cioe is-somma ta' hamest elef, hames mija u hamsa u hamsin Ewro, u hamsa u tmenin centezmu (5555.85) huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu, billi l-eccipjenti Kunsill Lokali tal-Birgu m'ghandux ihallas dan il-bilanc lill-attur, u dana kif jigi ippruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghal dak hawn fuq eccepit, inhargu diversi default notices mill-eccipjenti Kunsill Lokali tal-Birgu lill-attur u dana peress illi, fost l-ohrajn, l-attur kien qieghed jonqos milli jaghti s-servizz li kien obbligat li jaghti, u dana kif jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghal dak hawn fuq eccepiet, it-talba tal-attur hija ezagerata u ghandha ssir prova taghha;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-avukati difensuri;

Ikkunsidrat:

**Konsiderazzjonijiet dwar il-Fatti**

1. Illi fil-25 ta' Frar 2008 kien sar ftehim bil-miktub bejn fuq naha minnhom il-Kunsilli Lokali ta' Kalkara, Birgu u Isla u fuq naha l-ohra l-attur Paul Cutajar, bhala l-kuntrattur.
2. Illi permezz ta' dan il-ftehim, l-attur inghata x-xoghol ta' "*Collection of Household, Commercial and Roadside Waste*" mit-territorju tal-Kunsilli Lokali ta' Kalkara, Birgu u Isla ghall-perjodu mill-1 ta' Marzu 2007 sal-31 ta' Awwissu 2008. Dan il-ftehim sar

bit-termini u kundizzjonijiet imnizzlin fil- "*Contract Document No. KBI/RC/07*" liema dokument ma giex ezebit f'dawn il-proceduri.

3. Il-Kunsill konvenut ittermina dan il-kuntratt fit-13 ta' Settembru 2008,[1] anke jekk teknikament dan il-kuntratt kien skada fil-31 t'Awwissu 2008, pero mhux kontestat li l-attur baqa' jahdem sat-13 ta' Settembru 2008.

4. Illi l-invoices ghax-xoghol li sar f'Gunju 2008, Lulju 2008, Awwissu 2008 u Settembru 2008 baqghu ma thallsux lill-attur mill-Kunsill Lokali tal-Birgu. L-invoices ghal dan ix-xoghol gew ezebiti mar-rikors promotur u jinsabu a fol. 2 sa 7 tal-process.[2]

5. Illi l-attur baghat diversi ittri permezz ta' avukat lill-Kunsill Lokali tal-Birgu sabiex jitlob hlas dovut lilu mill-Kunsill Lokali tal-Birgu. L-ewwel zewg ittri jittrattaw dwar invoices ghax-xoghol li sar matul ix-xhur minn Jannar sa April 2008.[3] It-tielet ittra tittratta dwar "*il-bilanci kollha dovuti*" ghal perjodu li mhux imsemmi.[4] Ir-raba' ittra tittratta dwar bilanc dovut ghax-xhur ta' Gunju, Lulju, Awwissu u mill-1 sat-13 ta' Settembru 2008, jigifieri l-bilanc li ghalih infethet din il-kawza.[5]

6. Illi mir-raba' ittra ta' Dr David Farrugia Sacco, l-avukat difensur tal-attur, jidher car li l-bilanci dovuti sa Mejju 2008 kienu thallsu mill-Kunsill Lokali tal-Birgu lill-attur, ghaliex fil-fatt l-ittra taghmel riferenza ghall-bilanc dovut bhala dak il-bilanc "*ghax-xhur ta' Gunju, Lulju, Awwissu kif ukoll mill-1 sat-13 ta' Settembru 2008*".

7. L-invoices li gew ezebiti, u ghalhekk l-ammonti li qieghdin jigu pretizi f'dawn il-proceduri huma is-segwenti:
   (i) fol. 2 invoice 198 ghax-xahar ta' Gunju 2008 fl-ammont ta' €1,844.08;
   (ii) fol. 3 invoice 206 ghax-xahar ta' Lulju 2008 fl-ammont ta' €1,844.08;
   (iii) fol. 4 invoice 214 ghax-xahar ta' Awwissu 2008 fl-ammont ta' €1,844.08;

[1] Ara fol.42 tal-process – Affidavit ta' Christine Bonello fil-kariga ta' Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Birgu.
[2] Ara fol.2,3,4 u 7 tal-process – Invoices ghal dawn ix-xhur imsemmija.
[3] Ara fol. 8 u 9 tal-process – ittri mibghuta minn Dr David Farrugia Sacco fit-2 ta' Mejju 2008 u fis-6 ta' Mejju 2008.
[4] Ara fol.10 tal-process – ittra mibghuta minn Dr David Farrugia Sacco fit-2 ta' Lulju 2008.
[5] Ara fol.11 tal- process – ittra mibghuta minn Dr David Farrugia Sacco fit-18 ta' Novembru 2008.

(iv) fol. 5 invoice 222 ghax-xahar ta' Settembru 2008 fl-ammont ta' €1,844.08;

(v) fol. 6 invoice 245 li fuqha hemm miktub *"Credit Note"* ghax-xahar ta' Settembru 2008 fl-ammont ta' €1,844.08;

(vi) fol. 7 invoice 246 ghax-xahar ta' Settembru 2008 (sat-13 ta' Settembru 2008) fl-ammont ta' €851.11

Mis-suespost huwa car li invoice 245 li hija *Credit Note* ghax-xahar ta' Settembru 2008 innewtralizzat l-invoice 222 precedenti ghax-xahar ta' Settembru 2008. Huwa ovvju li l-*accountant* tal-attur induna li kien hareg l-invoice 222 bi zball ghax l-attur ma hadimx ghax-xahar kollu izda biss sat-13 tax-xahar. Ghaldaqstant, huwa hareg invoice 245 bhala *credit note* biex jinnewtralizza l-invoice 222, u imbaghad hareg invoice 246 ghax-xoghol li ghamel l-attur mill-1 sat-13 ta' Settembru 2008. Sfortunatament, l-attur ma kienx kapaci jispjega dan waqt il-kontro-ezami, u illimita ruhu li jghid li l-*invoices* harighom l-*accountant*,[6] u hadd mill-partijiet ma deherlu li ghandu jtella' lill-*accountant* biex jixhed.

8. Meta intavola ir-rikors promotur, l-attur semplicement ghadd l-*invoices* kollha li huwa kien baghat lill-Kunsill Lokali konvenut, minghajr ma ta kaz li wahda minnhom, cioe invoice 245 kienet *credit note* li innewtralizzat invoice 222 ghax-xahar ta' Settembru 2008, u ghaldaqstant l-ammonti indikati f'dawn iz-zewg invoices ma kellhomx jigu maghduda, kif fil-fatt ghamel. Dan ifisser li mill-*invoices* annessi mill-attur stess mar-rikors promotur, l-ammont minnu pretiz m'huwiex dak ta' €10,071 (li huwa it-total tal-*invoices* kollha mibghuta) imma dak ta' €6383.35.

9. Skont l-attur, iz-zewg Kunsilli l-ohra li dehru fuq il-ftehim fuq imsemmi, cioe, il-Kunsilli Lokali ta' Kalkara u ta' Isla, ma kellhomx ebda problema bis-servizz moghti mill-attur, u fil-fatt, huwa xehed li *"maz-zewg kunsilli tal-Kalkara u tal-Isla m'ghandi l-ebda problema maghhom u dejjem hallsuni.*"[7] Ghall-ewwel, anke l-Kunsill Lokali konvenut kien dejjem jaghmel il-pagamenti lill-attur, anke jekk "*mhux fil-hin, tardivi."*[8]

10. Il-Kunsill Lokali konvenut beda johrog id-*default notices* fil-konfront tal-attur. Kif xehed l-attur stess, *default notice* johrog f'kaz li x-xoghol ikun qed isir hazin.[9] Skont ix-xhieda

[6] Arai l-kontro-ezami ta' l-attur a fol. 109 tal-process.
[7] Ara fol.22 tal-process – xhieda ta' l-attur. Ara wkoll fol.35 sa 40 tal- process – Payment Vouchers mahrugin mill-Kunsill Lokali ta' Kalkara, pero mhux ghax-xhur in kwistjoni f'din il-kawza
[8] Ara fol.22 tal-process – xhieda ta' l-attur.
[9] Ara kontro-ezami tal-attur a fol. 108 tal-process.

ta' Christine Bonello, Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali konvenut, jidher li ma' kull default notice li tinhareg, is-somma dovuta fuq il-fattura ghandha titnaqqas b'10%.[10] Pero ma giex esebit ebda dokument dwar dan il-ftehim ta' *default notices,* ghalkemm gew esebiti d-default notices innifishom.[11]

11. Illi mix-xhieda ta' Christine Bonello fil-kariga taghha ta' Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Birgu, f'Gunju 2008, il-Kunsill konvenut hareg *default notice* wahda kontra l-attur. Imbaghad f'Lulju 2008, il-Kunsill hareg disa' *default notices,* zewg *default notices* f'Awwissu 2008 u zewg *default notices* f'Settembru 2008. Imbaghad il-kuntratt gie mwaqqaf fit-13 ta' Settembru 2008.[12] Ghall-precizjoni, il-Qorti tirrileva illi mid-*default notices* ezebiti jirrizulta li fil-fatt f'Lulju 2008, il-Kunsill hareg tmienja (8) u mhux disa' (9) *default notices,*[13] fil-waqt li f'Awwissu 2008 hareg tlieta (3) u mhux zewg (2) *default notices.*[14] Pero dan l-izball ma jaghmilx differenza fil-prattika.

12. Illi dawn id-*default notices* inhargu rigward nuqqasijiet fis-servizz ta' gbir ta' skart mill-attur, u huma komfortati mid-diversi ilmenti li saru mir-residenti tal-Birgu bil-miktub[15] u minn diversi xhieda, residenti l-Birgu.[16]

13. Sa mill-bidu nett ta' dawn il-proceduri, il-Kunsill Lokali konvenut ma kkontestax li l-attur huwa dovut xi ammont, pero l-Kunsill Lokali qed jippretendi li mill-ammont pretiz mill-attur, ghandu jitnaqqas ammont rappresentanti d-*default notices* li nhargu kontra l-attur. Fil-fatt skont ix-xhud Christine Bonello, Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill, wara li jitnaqqsu l-ammonti tad-*default notices,* l-attur huwa dovut l-ammont t'erbat elef, hames mija u hmistax Euro u hmistax il-centezmu (€4515.15).[17]

14. Dan l-ammont t'erbat elef, hames mija u hmistax Ewro u hmistax il-centezmu (€4515.15) thallas lill-attur fil-mori ta' dawn il-proceduri.[18]

---

[10] Ara fol.42 tal-process – Affidavit ta' Christine Bonello fil-kariga ta' Segratarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Birgu, u l-kontro-ezami taghha a fol. 69 tal-process.
[11] Ara fol.71 sa fol.86 – Default Notices li nhargu mill-Kunsill Lokali Birgu fil-konfront ta' Paul Cutajar
[12] Ara fol.42 tal-process – Affidavit ta' Christine Bonello fil-kariga ta' Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Birgu
[13] Ara Dok DF7 sa Dok DF14 ezebiti a fol. 78- 86 tal-process
[14] Ara Dok DF4, DF5 u DF6 ezebiti a fol. 74-76 tal-process.
[15] Ara fol.92 sa 107 – *Complaints Forms.*
[16] Ara fol.137 sa 145 – diversi xhieda ta' residenti tal-Birgu.
[17] Ara affidavit ta' Christine Bonello a fol. 43 tal-process.
[18] Ara n-nota tal-attur a fol. 169 tal-process u d-dokumenti annessi maghha.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Illi apparti l-izball ta' kalkolu li ha l-attur, kif fuq spjegat, meta ipprezenta r-rikors odjern, il-kwistjoni kollha f'dawn il-proceduri hija jekk l-attur ghandux dritt ghall-ammont shih lilu dovut ghax-xoghol ta' gbir ta' skart li ghamel bejn Gunju 2008 u t-13 ta' Settembru 2008, kif qed jippretendi hu, jew jekk minn dan l-ammont ghandhiex titnaqqas somma rapprezentanti d-*default notices* li nhargu mill-Kunsill konvenut, ghal xoghol hazin, kif qed jippretendi l-Kunsill konvenut.

Mill-kumpless tal-provi, u senjatament mid-diversi residenti tal-Birgu li xehdu dwar in-nuqqas fis-servizz tal-gbir tal-iskart, mid-diversi *Complaints Forms* li permezz taghhom saru ilmenti bil-miktub mir-residenti, ix-xhieda tas-Sindku John Boxall[19] u mir-ritratti annessi ma uhud mid-*default notices* li nhargu mill-Kunsill konvenut, jirrizulta li fil-fatt ix-xoghol li kien qed jaghmel l-attur zgur li ma kienx sodisfacenti. Fil-fatt mill-provi ma jirrizultax li l-attur ikkontesta xi wahda mill-allegazzjonijiet kontenuti fid-*default notices* mibghuta lilu mill-Kunsill konvenut.

Jidher li meta iffirmaw il-kuntratt t'appalt bejniethom, il-partijiet kienu diga ftehmu dwar kif se jigu regolati dawk il-kazijiet fejn ix-xoghol li jsir mill-attur ma jkunx sodisfacenti. Fil-fatt id-*default notices* kollha jirreferu ghal *"klawsola numru 15 – "Default in Performance" fil-kuntratt li inti ghandek flimkien mal-Kunsill Lokali tal-Birgu … …"* Ghalkemm f'dawn il-proceduri gie esebit il-*Contract Agreement* ta' bejn il-partijiet[20] - li effettivament jikkonsisti f'pagna wahda - il-*Contract Document* No. KBI/RC/07 huwa d-dokument li fih it-termini u kundizzjonijiet, imsemmi fl-istess *Contract Agreement*, ma gie esebit minn hadd mill-partijiet. Madanakollu l-attur ma kkontestax il-fatt li l-ftehim ta' bejnu u bejn il-Kunsill Lokali Birgu kien jipprovdi li fil-kaz li s-servizz moghti minnu ma jkunx sodisfacenti, il-Kunsill Lokali Birgu kellu d-dritt li johrog default notice, u ma' kull default notice jitnaqqas

[19] A fol. 62 tal-process.
[20] Ara fol.34 u 45 tal-process – *Contract Agreement*.

il-hlas b'ghaxra fil-mija (10%).[21] Dan huwa specifikat ukoll f'kull *default notice* li intbaghatet lill-attur.[22]

Kif diga inghad, skont il-Kunsill Lokali konvenut, l-attur ghandu jiehu, u fil-fatt ha s-somma ta' erbat elef, hames mija u hmistax Ewro u hmistax il-centezmu (€4515.15). Skont ix-xhud Christine Bonello, Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill, din is-somma inhadment hekk:[23]

*"1. Invoice 202 ghax-xahar ta' Gunju 2008, li tammonta ghal €1844.08 izda peress li nharget default notice wahda l-ammont dovut huwa ta' €1659.67;*

*2. Invoice 209, ghax-xahar ta' Lulju 2008, li tammonta ghal €1844.08 izda peress li nhargu 9 default notices l-ammont dovut huwa ta' €714.43;*

*3. Invoice 214 ghax-xahar ta' Awwissu 2008, li tammonta ghal €1844.08 izda peress li nhargu 2 default notices l-ammont dovut huwa ta' €1493.78;*

*4. Invoice 222 ghax-xahar ta' Settembru 2009, li tammonta ghal €1844.08, izda peress li s-Sur Pawlu Cutajar hadem sat-13 ta' Settembru u barra minn hekk nhargu 2 default notices l-ammont dovut huwa ta' €647.27."*

Fuq l-ewwel invoice in kwistjoni u cioe dik numru 202, ma hemmx problema ghax ghax-xahar ta' Gunju 2008, inharget *default notice* wahda, u ghalhekk l-ammont ta' €1844.08, tnaqqas b'10%. Pero, minn semplici ezercizzju matematiku, wiehed malajr jinduna li fil-kaz tat-tlett invoices l-ohrajn, fejn inharget iktar minn *default notice* wahda f'xahar partikolari, it-tnaqqis ma kienx ta' 10% mill-fattura ghal kull *default notice* mahruga, izda inqas. Il-Kunsill Lokali konvenut ma ta l-ebda spjegazzjoni kif wasal ghal kalkoli tieghu. Pero fi kwalunkwe kaz, il-Kunsill konvenut ghandu jbati ghall-izball ta' kalkolu tieghu.

Ghalhekk, l-ammont dovut mill-Kunsill konvenut lill-attur kien t'erbat elef, hames mija u hmistax Ewro u hmistax il-centezmu (€4515.15). Pero, ghalkemm il-Kunsill Lokali konvenut irrikonoxxa mill-ewwel fir-risposta tieghu, li dan l-ammont kien dovut, huwa ma hallasx dan l-ammont qabel inbdew dawn il-proceduri, u f'kaz li l-attur irrifjuta il-pagament, lanqas iddepozita dan l-ammont fir-registru ta' din il-Qorti, biex jezimi ruhu minn kull

---

[21] Ara fol.69 tal –process – Xhieda ta' Christine Bonello, is-Segretarja Ezekuttiva tal-Kunsill Lokali Birgu, riprodotta in kontro-ezami. Ara wkoll Fol. 62 tal-process – Affidavit ta' John Boxall, is-Sindku tal-Kunsill Lokali Birgu.

[22] Ara *default notices* ezebiti bhala Dok DF1 sa DF14 a fol. 71-86 tal-process.

[23] Ara xhieda ta' Christine Bonello a fol. 42 tal-process.

responsabbilita fil-konfront tal-attur. Dan il-fatt se jittiehed in konsiderazzjoni fil-kap dwar l-ispejjez.

Il-Kunsill Lokali hallas l-ammont minnu dovut f'zewg pagamenti, fil-mori ta' dawn il-proceduri. Ir-rimanenti bilanc tat-talba tal-attur fl-avviz ma hix dovuta mill-Kunsill konvenut, hlief ghal dak li jirrigwarda l-ispejjez u l-imghaxijiet, kif se jinghad iktar l-isfel f'din is-sentenza.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti:

1. tilqa' l-eccezzjonijiet kollha tal-Kunsill Lokali konvenut u tiddikjara li l-attur kellu jithallas biss l-ammont t'erbat elef, hames mija u hmistax Ewro u hmistax il-centezmu (€4515.15), liema ammont thallas lill-attur f'zewg pagamenti, fil-mori ta' dawn il-proceduri,

2. Konsegwentement tichad il-bilanc tar-rimanenti talba tal-attur ghas-*sorte* pretiz minnu fir-rikors promotur;

3. tikkundanna lill-Kunsill Lokali konvenut ihallas lill-attur l-imghax legali mid-data tal-invoices relattivi sad-data tal-pagamenti rispettivi li saru lill-attur fil-mori ta' dawn il-proceduri;

4. Fic-cirkostanzi, l-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 214/09 u l-ittri legali datati 2 ta' Mejju 2008, 6 ta' Mejju 2008, 2 ta' Lulju 2008, u 18 ta' Novembru 2008 ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Magistrat**

**Deputat Registratur**